# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 11**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 446/2018 JVC**

**L-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Ekaterina Alekseevna Semenikhina, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 0674216L**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Dr. Ian Spiteri Bailey noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi l-esponenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina nee' Gvishiani, detentrici tal-Passaport Russu bin-numru 71 9060685 (kopja ccertifikata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. EA1) twieldet fir-Russja u hija mizzewga lil Vladimir Anatolevich Semenikhin (kopja awtentikata tac-Certifikat taz-Zwieg Numru 0050302 mahrug mir-Registru Pubbliku f'Malta u datat id-29 ta' Novembru 2016 anness u mmarkat bhal Dok. EA2);

2. Illi fit-28 ta' April 2015 l-imsemmi Vladimir Anatolevich Semenikhin kien ressaq applikazzjoni fi hdan id-Dipartiment *Identity Malta* ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 188.03 (Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta), u dan sabiex huwa, flimkien ma' martu l-esponenti u wliedhom Dmitry u Annabekke Elisaveta ahwa Semenikhina, jigi naturalizzat bhala cittadin Malti (kopja awtentikata tal-applikazzjoni annessa u mmarkata bhala Dok. EA3);

3. Illi l-applikazzjoni su-riferita kienet giet approvata mid-Dipartiment fuq indikat fil-31 ta' Ottubru 2016 (korrispondenza relattiva annessa u mmarkata bhala Dok. EA4, b'dan illi gie mahrug fuq isem l-esponenti Ekaterina Alekseevna Gvishiani l-Att tat-Twelid bin-Numru tal-Iskrizzjoni sitta sebgha erbgha tnejn (6742) tas-sena elfejn u sittax (2016) (certifikat anness u mmarkat bhala Dok. EA5);

4. Illi hekk ukoll inharget fuq isem l-esponenti su-riferita l-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0674216L u Passaport

Malti bin-numru 1257086 (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkati bhala Dok. EA6 u Dok. EA7);

5. Illi kif jirrizulta mill-kontenut tal-Att tat-Twelid bin-Numru tal-Iskrizzjoni sitta sebgha erbgha tnejn (6742) tas-sena elfejn u sittax (2016) (Dok. EA5), isem omm l-esponenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina jinsab hemmhekk erronjament indikat bhala Natalia Brisovna minflok il-verzjoni korretta Natalya Borisovna, u dan b'konsegwenza ta' zball illi sehh meta twettqet it-traduzzjoni tad-dokumentazzjoni relattiva mill-lingwa Russa ghall-lingwa Ingliza (kopja tat-traduzzjoni in kwistjoni illi ntbaghtet lid-Dipartiment *Identity Malta* u li a bazi taghha nhareg l-Att tat-Twelid hawn indikat annessa u mmarkata bhala Dok. EA8);

6. Illi l-verzjoni korretta ta' isem omm l-esponenti kif fuq premess – illi jinsab debitament imnizzel fic-certifikat tat-twelid Russu relattiv ghall-istess Ekaterina Alekseevna Semenikhina kif mahrug mir-Registru Civili f'Moscow – hija Natalya Borisovna, u dan kif jirrizulta mit-traduzzjoni ccertifikata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. EA9;

7. Illi jkun opportun illi l-Att tat-Twelid bin-Numru tal-Iskrizzjoni sitta sebgha erbgha tnejn (6742) tas-sena elfejn u sittax (2016) mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fuq isem l-esponenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina, jkun korrettement jirrifletti d-dettalji kontenuti fic-Certifikat tat-Twelid Russu relattiv ghall-istess esponenti, b'dan illi isem omm l-esponenti jkun hemmekk indikat bhala Natalya Borisovna minflok Natalia Brisovna;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent fil-kapacita' tieghu bhala prokuratur specjali ta' Ekaterina Alekseevna Semenikhina (K.I. 0674216L), bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, inkluz billi tordna l-opportunita pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-Numru tal-Iskrizzjoni sitta sebgha erbgha tnejn (6742) tas-sena elfejn u sittax (2016), b'dan illi isem omm l-esponenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina hemmhekk indikat bhala Natalia Brisovna jithassar u jigi minflok imnizzel bhala Natalya Borisovna;

2. Tordna illi sussegwentement l-atti kollha relattivi ghall-esponenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina, fejn dawk jikkontjenu referenza ghal isem ommha, jkunu jirreflettu l-verzjoni korretta tal-istess isem u cioe' Natalya Borisovna.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi bla pregudizzju ghal premess u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mil-fatti kif inhuma ddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponenti umilment tirrileva li ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tar-rikorrenti, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 6742 tas-sena 2016, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku;

3. Illi l-esponenti rregistrat l-att tat-twelid tar-rikorenti wara talba maghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi specifikament jippermetti r-registrazzjoni ta' Att Civili li jkun inhareg minn awtorita' kompetenti barranija, gewwa l-l-Gzejjer Maltin, wara li l-konvenut ikun sodisfatt mill-awtenticita' tal-Att esteru in kwistjoni;

4. Illi tali registrazzjoni mill-konvenut ssir *ad verbatim,* u ghaldaqstant jekk skont it-traduzzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, liema traduzzjoni giet provduta lill-esponenti u tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 2', isem omm ir-rikorrenti kien imnizzel bhala 'Natalia Brisovna', l-esponenti kellha l-obbligu li tirregistra l-istess isem fl-Att tat-Twelid mahrug mill-konvenut;

5. Illi gialadarba l-konvenut rregistra l-isem skont it-traduzzjoni pprovduta lilu, u dan kif gie ukoll kkonfermat fir-rikors guramentat, jidher ghaldaqstant car li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti l-konvenut u li finalment l-istess konvenut ottempora ruhu mal-ligi u rregistra l-Att tat-Twelid kif mistenni minnu;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tiddikjara li ma jsibx oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent u ghaldaqstant tirrimetti ruhha ghal-ghaqli u s-

savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero` li jekk ikun il-kaz dan ghandu jipprovdi lill-istess Qorti l-iktar provi li jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 15 ta' Ottubru, 2019 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Dr Ian Spiteri Bailey nomine permezz tar-rikors guramentat odjern qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' Ekaterina Alekseevna Semenikhina bin-numru ta' iskrizzjoni 6742 tas-sena 2016 sabiex fil-kolonna 'Isem u kunjom – L-omm' l-isem 'Natalia Brisolvna' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' 'Natalya Borisovna'.

Rat illi fir-risposta tieghu d-Direttur intimat ma sabx oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti u rrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti salv li jigu prodotti l-ahjar provi u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 36 u fol. 37 tal-process.

Rat illi fl-atti gie pprezentat certifikat tat-twelid Russu tar-rikorrenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina u traduzzjoni gdida tal-istess, fejn fit-traduzzjoni gie ndikat l-isem korrett ta' omm l-istess rikorrenti bhala dak ta' Natalya Borisovna (a fol. 18 sa fol. 26 tal-process).

Rat id-deposizzjoni tar-rikorrenti stess Ekaterina Alekseevna Semenikhina permezz tal-procedura tal-affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li isem ommha huwa dak ta' Natalya Borisovna u dan kif indikat fic-certifikat tat-twelid Russu (a fol. 27 sa fol. 28 tal-process).

Rat illi fil-mori fuq talba tar-rikorrenti u permezz tad-digriet tat-30 ta' Ottubru, 2018 giet nominata Olena Borg bhala traduttrici mill-lingwa Russa ghal dik Ingliza fejn giet moghtija l-inkarigu li titraduci d-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat u mmarkati bhala Dok. EA8 u Dok. EA9.

Rat it-traduzzjoni ta' Olena Borg insegwitu ghad-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Ottubru, 2018 kif diversament presjeduta, li tikkonferma li isem omm ir-rikorrenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina huwa dak ta' 'Natalya Borisovna' u mhux kif indikat fil-att tat-twelid tar-rikorrenti bl-iskrizzjoni numru 6742 tas-sena 2016 bhala dak ta' 'Natalia Brisolvna' (a fol. 68 sa fol. 74 tal-process).

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-applikazzjoni tal-Malta Individual Investor Programme ghan-naturalizazzjoni ta'

Vladimir Semenikhim bhala cittadin ta' Malta taht l-Artikolu 10(9)(b) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta (a fol. 7 sa fol. 9 tal-process); vera kopja tac-certifikat taz-zwieg (a fol. 6 tal-process); vera kopja tal-passaport Russu tar-rikorrenti (a fol. 5 tal-process) u vera kopja tal-karta tal-identita' u tal-passaport Malti tar-rikorrenti (a fol. 12 u fol. 13 tal-process).

Rat ukoll id-deposizzjoni ta' Thomas Jacobsen – Direttur tal-kumpanija Papilio Services Limited (C-55990) li ha hsieb il-procedura tan-naturalizazzjoni ta' Vladimir Semenikhim taht l-Artikolu 10(9)(b) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija kemm viva-voce kif ukoll bl-uzu tal-affidavit (deposizzjoni moghtija viva-voce a fol. 50 sa fol. 52 tal-process kif ukoll bl-uzu tal-affidavit a fol. 61 tal-process).

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi dan huwa kaz ta' registrazzjoni ai termini tal-artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li:

> *'(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita' kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita' ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-*

*istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.'*

Illi f'każijiet fejn jintalab li jiġi registrat Att tat-twelid, jew att uffiċjali ieħor, redatt f'pajjiż barra minn Malta b'lingwa li mhix waħda fost dawk uffiċjali ta' pajjiżna, d-dettalji imniżżla fl-Atti f'Malta jittieħdu minn traduzzjoni. Jirriżulta fil-każ preżenti li t-traduzzjoni kienet ġiet magħmula minn Esta Lingua Limited bl-uffiċju tagħha ġewwa tas-Sliema, Malta (a fol. 14 sa fol. 17 tal-process). Jirriżulta wkoll li f'dan il-każ it-traduzzjoni ta' isem omm ir-rikorrenti ġie ndikat ħażin bħala dak ta' 'Natalia Brisovna' u għalhekk meta saru l-proceduri kollha necessarji sabiex r-rikorrenti tiġi rikonoxxuta bħala ċittadina ta' Malta, u sussegwentament saru r-registrazzjonijiet tal-atti kollha, isem omm ir-rikorrenti ġie ndikat bl-istess mod li ġie ndikat fit-traduzzjoni magħmula minn Esta Lingua Limited. Gara li r-rikorrenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina ġabret kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tagħha ġewwa Malta (anness a fol. 11 tal-process) u rriżulta l-iżball imsemmi.

Din il-Qorti hija fid-dover li taċċerta l-verita' tal-fatti fejn tidħol l-identita' uffiċjali tal-persuna kkonċernata. Il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni ġia elenkat u eżaminat preċedentement id-dokumenti uffiċjali u ċ-ċertifikati li ġew esebiti mir-rikorrenti fl-atti, liema dokumenti jagħtu l-informazzjoni meħtieġa sabiex din il-Qorti tkun tista tasal għal deċiżjoni dwar it-talba odjerna.

Illi *in vista* tal-provi fl-atti, partikolarment it-traduzzjoni maghmula minn Olena Borg nominata mill-Qorti, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti gew sufficjentement pruvati u ghalhekk huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante izda li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li fuq l-Att tat-twelid tar-rikorrenti Ekaterina Alekseevna Semenikhina bl-iskrizzjoni numru sitta sebgha erbgha tnejn (6742) tas-sena elfejn u sittax (2016), taht il-kolonni intestata "Isem u kunjom – L-omm", l-isem 'Natalia Brisovna' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem 'Natalya Borisovna';

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2019**